# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 134/2016/LSO**

**Ashok maghruf bhala Peter Nadwani (ID 0110486(M))**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Ashok, maghruf bhala Peter Nandwani (ID 0110486(M)) datat 22 ta’ Frar 2016 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi r-rikorrent twieled fl-4 ta' Gunju 1951 gewwa Bombay l-lndia, liema att ta' twelid gie registrat hawn Malta skont d-dokument hawn anness bhala Dok A.

Illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' tal-missier it-tarbija l-kunjom huwa "Nadwani" mentri r-rikorrent ghandu fil-fatt il-kunjom "Nandwani”.

Illi fil-fatt huwa dejjem kien maghruf bil-kunjom Nandwani tant illi ghandu wkoll passaporti Maltin skaduti li qeghdin jigu ezebiti *animo ritirandi* u mmarkati bhala Dok B u Dok C.

Illi kif jirrizulta mid-diversi dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok D u Dok E ir-rikorrent dejjem gab il-kunjom Nandwani. Dawn id-dokumenti huma l-att ta' twelid tat-tfal tieghhu Pooja u Kriti li wkoll juru fl-intestatura tal-kunjom tar-rikorrent li huwa gie mnizzel bhala Nandwani.

Illi in oltre wlied ir-rikorrenti huma wkoll kollha rikonoxxuti bil-kunjom Nandwani kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Illi wkoll skont l-applikazzjoni ta’ missier ir-rikorrenti, meta huwa rregistra lir-rikorrent hawn Malta bhala minuri, (li qieghed jigi pprezentat *animo ritirandi* u mmarkat bhala

Dok F) l-istess rikorrent gie mnizzel bil-kunjom Nandwani. Dan ghandu juri bic-car li sar zball min-naha tal-intimat u proprju ghalhekk sejjer jitlob l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai terimini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kunjom r-rikorrent huwa "Nandwani" u mhux "Nadwani".

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent billi, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' tal-missier it-tarbija, kunjom il-missier jitnizzel bhala "Nandwani" u mhux "Nadwani".

3. Tordna lill-intimat li sabiex jassikura li l-emenda mitluba fit-tieni talba, tigi riflessa f'kull att tal-istat civili tar-rikorrent u fejn ikun hemm, ghal ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, u dan *a tenur* tal-artikolu 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' April 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 21 ta' Marzu 2016 (fol 18) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rappre±entanza tal-istess Direttur, bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Ashok maghruf bhala Peter Nadwani'* u mhux *'Ashok maghruf bhala Peter Nandwani' stante* li l-kunjom ***'Na<u>n</u>dwani'*** hekk kif miktub bl-'n' mizjuda ma tappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni elf, mija u erbgha (1104) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986) hawn anness u mmarkat bhala 'Dok DRP 1'; [Enfasi tal-esponent].

3. Illi preliminarjament minghajr pregudizzju, l-esponent jirrileva illi ghallinqas mid-dokumenti illi gew notifikati lilu, d-dokumenti li gew annessi mar-rikors promotur mhumiex immarkati bl-ittri hekk kif ir-rikorrent qieghed jaghmel

referenza ghalihom fir-rikors promotur. Maghdud ma' dan, minkejja l-fatt illi d-dokumenti annessi mar-rikors promotur ma gewx immarkati bl-ittri korrispondenti jista' jaghti l-kaz illi hemm xi dokumenti nieqsin ukoll. Ghaldaqstant mhuwiex car ghal liema dokumenti r-rikorrent qieghed jaghmel referenza ghalihom fir-rikors promotur, u kwindi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li rrikorrent jindika liema huma d-dokumenti li qieghed jaghmel referenza ghalihom fir-rikors in risposta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrent ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi hija qieghda torbot il-proceduri istanti;

5. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent jirrileva illi t-talbiet tar-rikorrent huma kontradittorji. Dan in kwantu illi fit-tieni talba tieghu r-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza li l-att tat-twelid tar-rikorrent jigi emendat billi "kunjom il-missier jitnizzel bhala "Nandwani" u mhux "Nadwani" u dan prezumibbilment abazi tal-izball li gie allegat mir-rikorrent fir-rikors in risposta. Filwaqt li fit-tielet talba tieghu, r-rikorrent ghamel referenza ghal-Artikoli 253(2) u 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi ma

japplikawx *ai fini* ta' korrezzjoni ta' zball, izda dawn l-Artikoli japplikaw biss fir-rigward ta' ismijiet (u mhux kunjomijiet) meta jkun hemm il-htiega li jigi mizjud isem iehor fl-ambitu tal-kuncett tal-'maghrufa bhala';

6. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent qieghed jeccepixxi l-premess ghaliex l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta taghti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti, f'kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa b'isem iehor u mhux b'kunjom iehor. *[Enfasi tal-esponent].* Illi l-esponent itenni illi jidher li r-rikorrent intavola l-azzjoni tieghu bl-intenzjoni li jikkoregi kunjomu u mhux ismu, abbazi ta’ zball allegat u mhux minhabba li f'hajtu assuma xi isem differenti. *[Enfasi tal-esponent]*. B'hekk it-tielet talba tar-rikorrent msejsa kif inhi abbazi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tregix *stante* li talba ghall-korrezzjoni ghandha tigi msejsa taht l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi r-rikorrent jista’, jekk joghogbu, jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tieghu jigu mibdula b'mod li t-talbiet tieghu jkunu jistghu jigu inkwadrati taht il-parametri tal-korrezzjoni msemmija fl-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju, b'referenza ghat-tielet talba tar-rikorrent, l-esponent jirrileva illi l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tigi riflessa ukoll f'kull att tal-istat Civili relattiv, japplika biss f'kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-

Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-korrezzjonijiet rikjesti minghand ir-rikorrent ghandhom jigu indikati individwalment abbazi tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jirrileva illi l-Att tat-Twelid in kwistjoni li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf, mija u erbgha (1104) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986) huwa sempliciment registrazzjoni li jirrifletti d-dettalji li jinsabu fl-att tat-twelid barrani tar-rikorrent, in kwantu li r-rikorrent twieled fl-Bombay fl-Indja fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, wiehed u hamsin (1951), liema twelid kien wara gie rregistrat hawn Malta. Illi tali twelid kien gie registrat hawn Malta abbazi tad-dokumenti li missier ir-rikorrent stess kien issottometta lir-Registru Pubbliku ta' Malta, inkluz l-att tat-twelid originali tieghu mahrug mil-Indja, kopja ta' liema huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok DRP 2', fejn jidher illi kunjom ir-rikorrent huwa indikat bhala 'Nadwani' u mhux 'Nandwani' hekk kif allegat fir-rikors in risposta;

9. Illi ghaldaqstant, bla hsara ghall-premess l-esponent jirrileva illi jekk jirrizulta li jehtieg illi jsir xi korrezzjoni ta' zball minn fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrent, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf, mija u erbgha (1104) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986), dan zgur mhux b'nuqqas tal-esponent, *stante* li r-Registru Pubbliku rregistra l-Att tat-Twelid mahrug mill-awtorità tal-Indja, wara li l-ufficjali tar-Registru Pubbliku nizlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita f'dan l-imsemmi Att tat-Twelid barrani li kien ipprovda missier ir-rikorrent stess meta kien applika ghac-

cittadinanza Maltija. B'hekk l-esponent m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda zball li jista' jkun attribwit lill-esponent;

10. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf, mija u erbgha (1104) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986) ma' hemm ebda kunjom imnizzel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f' Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Atti tat-Twelid, minhabba l-prezunzjoni illi 'l ulied fiz-zwieg kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-kaz *de quo*, isem u kunjom tal-missier it-tarbija gie indikat bhala 'Fatechand Jamchand Nadwani Lachmibai' fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li kien gie kkupjat *ad verbatim* mill-informazzjoni li tinsab inserita fil-fuq riferit Att tat-Twelid barrani mahrug mill-awtorità tal-Indja. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent awtomatikament assuma l-istess kunjom bhal dak indikat li jappartjeni lil missieru, ossja 'Nadwani' kif jidher fuq l-att tat-twelid tieghu;

11. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fiz-zmien li hargu l-atti tat-twelid tal-minuri provduti mir-rikorrent mar-rikors in risposta, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti sinkronizzata. Ghaldaqstant, l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-veracità tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni.

Fil-kaz *de quo* kien propju r-rikorrent, cioè missier il-minorenni, li kien id-dikjarant illi d-dikjara li ismu u kunjomu huwa 'Peter Ashok **Nandwani**' u li kien ta l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmija Atti ta' Twelid. [Enfasi tal-esponentl Illi ghaldaqstant il-minorenni tar-rikorrent assumew awtomatikament il-kunjom ta' missierhom in kwantu tal-prezunzjoni fil-ligi mahluqa minn Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ir-Registru Pubbliku m' ghandux jinzamm responsabbli ta' dawn id-diskrepanzi;

12. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

13. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

14. Salv Eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tal-Hamis, 6 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Christina Camilleri Deguara li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-attur prezenti fl-Awla u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Ellul strahet fuq l-atti u l-provi li ngabru u insistiet li l-orignali tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent baqa' ma giex prodott u kwindi ma setghetx issir traduzzjoni. Dr Camilleri Deguara ddikjarat li rnexxielha tipprova t-talba billi gew prodotti dokumenti ohra. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 2019, fejn rat it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat u cioe`: Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Ashok maghruf bhala Peter Nadwani'* u mhux *'Ashok maghruf bhala Peter Nandwani'*. Fic-cirkostanzi laqghet it-talba u tordnat li l-korrezzjoni ssir kull fejn hu mehtieg.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 et sequens tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu **254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fl-24 ta' Frar 2016 (fol 14) b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat tinsab sorvolata.

Ir-rikorrent qed jitlob li jigi korrett l-att tat-twelid tieghu, billi fil-kolonna "Isem u kunjom tal-missier tat-tarbija, jitnizzel il-kunjom "Nandwani" mhux "Nadwani".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u hu maghruf bil-kunjom "Nandwani". Ghal dan il-ghan, esebixxa c-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Dok A, kopja tal-passaport, Dok B u C.

Inoltre`, ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit (fol 30) qal li hu gie Malta fl-1958, qal li kemm ilu Malta hu maghruf bil-kunjom Nandwani. Spjega li llum hu ghandu 64 sena u ma kellux problemi izda uliedu tnizzlu bhala Nadwani, u anke meta nhariglu recentement passaport gdid inhariglu bl-isem Nadwani. Qal li kemm meta attenda l-iskola f'Malta u fid-dokumenti tas-sigurta socjali u t-'trading licence' tieghu dejjem kienu indikat bil-kunjom Nandwani.

**Harsha Nandwani** xehdet b'affidavit (fol 31) u qalet li ltaqghet ma zewgha r-rikorrent fl-1983 u wara ftit izzewgu, qalet li hi dejjem tafu bil-kunjom Nandwani, u anke kunjomha huwa Nandwani. Spjegat li l-problemi bdew meta applika recentement ghall-karta ta' identita` gdida u ghall-passaport.

**Pooja Nandwani** bint Peter Ashok Nandwani, xehdet b'affidavit (fol 37) u hi llum izzewget u kunjomha m'ghadux Nandwani. Izda spjegat li hi dejjem taf il-kunjom ta' missierha bhala Nandwani, u fil-kaz taghha sa minn ckunitha dejjem kienet maghrufa bil-kunjom Nandwani.

**Dr. Astrid May Grima Chief Legal officer ta' Identity Malta** xehdet (fol 50-51)[1] ipprezentat kopja tal-ittra mahruga mid-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta' Frar 1984, Dok DRP3. Esebiet ukoll certifikat tal-"birth registry" mahrug minn Esplanade Bombay, u kkonfermat li qatt ma kellhom il-kopja originali ta' dan ic-certifikat, izda hija fotokopja arkivjata, Dok DRP4. Esebiet Dok DRP5 kopja tal-affidavit awtentikata.

Jigi osservat li Dok DRP4, li hu fotokopja tal-att tat-twelid mahrug mill-Indja , huwa l-istess fotokopja tad-dokument esebita mar-risposta tal-intimat, hu jinsab esebit bhala Dok DRP2. Jirrizulta wkoll, minn dan id-dokument li r-rikorrent twieled fl-4 ta' Gunju 1951 gewwa Bombay l-India, liema att tat-twelid gie registrat hawn Malta kif jidher minn Dok A esebit mar-rikors promotur, fejn il-kunjom indikat hu "Nandwani". Ghalkemm, l-original tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent, baqa' ma giex ipprezentat, biex issir it-traduzzjoni, izda, l-avukat difensur rrilevat li rnexxiela tipprova t-talba permezz ta' dokumenti ohra esebiti, fosthom, Dok DRP4 u Dok DRP5 u Dok A esebit mar-rikors promotur.

B'referenza ghall-ghaxar u l-hdax-il eccezzjoni, jigi ritenut, li huwa minnu li ulied fiz-zwieg jiehdu l-kunjom ta'

[1] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2017.

missierhom skont l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u hu proprju ghalhekk, li r-rikorrent gie indikat bil-kunjom "Nadwani" mhux "Nandwani", *stante* li dak iz-zmien fis-snin hamsin kien ghad mhemmx sistema kompjuterizzata, u b'hekk strahu fuq id-dikjarazzjoni tad-dikjarant, u cioe`, missier ir-rikorrent.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Referibbilment ghall-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet tal-intimat, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-kunjomijiet. Izda t-talba odjerna tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16, billi dak li qed jintalab huwa li jigi korrett zball ossija diskrepanza fil-mod kif inhu spellut il-kunjom, u mhux li jinbidel il-kunjom. Difatti, l-artikolu tal-ligi sucitat, ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korregut, u ghalhekk, dak mitlub fejn bi zball jew bi zvista tnizzel "Nadwani" minflok "Nandwani", jista' jinkwadra taht din id-dispozzizzjoni tal-ligi.

Ghalhekk, din il-Qorti ser takkolji t-talba tar-rikorrent. Izda, rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

Fid-dawl tal-affidavits u tal-provi esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li kien konsistentement maghruf bil-kunjom "Nandwani". Ghalhekk, it-talba hija gustifikata.

Rigward it-tielet talba din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattiva. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrent li jerga' jirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjoni f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kunjom ir-rikorrent huwa "Nandwani" u mhux "Nadwani".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent billi, fil-kolonna intestata "Isem u kunjom tal-missier it-tarbija" kunjom il-missier jigi indikat bhala "Nandwani" u mhux "Nadwani".

3. Rigward it-tielet talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**